TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/10/22/S

John Vella

vs

Burmarrad Commercials Limited

Illum 6 ta'Novembru, 2023.

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba ta' John Vella ppreżentata fis-27 ta' Jannar, 2022, kif ukoll ir-risposta tas-soċjeta' Burmarrad Commercials Limited, ippreżentata fit-18 ta' Mejju 2022;

Ra d-dokumenti ppreżentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni tagħhom;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilmenti fuq *airconditioning* f'vettura tar-rikorrenti li skont hu għal diversi drabi ma ssewwietx kif suppost;

Illi jingħad mal-ewwel li min jallega jrid jipprova u dan fuq l-istregwa tal-massima *incumbit probation ei qui dicat non ei qui negat* (***ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri, fl-ismijiet "Ġemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited", mogħtija fit-13 ta' Jannar, 1999***);

Illi l-obbligu tal-prova tinkombi dejjem fuq min jallega u dan skont l-Artiklu 562 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi dan huwa element importanti ħafna fil-kamp ċivili u min irid jiddeċiedi jrid jagħmel dan a bażi tal-provi mressqa;

Illi dan kollu fuq imsemmi japplika għall-każ odjern;

Illi t-Tribunal jinnota li r-rikorrenti ħa l-vettura għal diversi drabi, f'diversi perjodi, pero' dejjem approva t-tiswijiet li s-soċjeta' intimata offrietlu;

Illi mill-kopji tad-diskursati li għaddew bejn iż-żewġ partijiet, jirriżulta li r-rikorrenti dejjem approva kwalsiasi xogħol li s-soċjeta' intimata kienet tal-fehma li għandu jsir;

Illi l-fatt li l-vettura tar-rikorrenti ma kinitx għas-sodisfazzjon tal-istess rikorrenti, ma jfissirx b'mod awtomatiku illi s-soċjeta' intimata kienet negliġenti jew għamlet xogħol ħażin fuq l-istess vettura. Ghallinqas ma saritx prova dwar tali allegazzjoni;

Illi min-naħa tiegħu, r-rikorrenti naqas li jiprova illi l-fatt li l-*airconditioning* ma kienx qed jaħdem għas-sodisfazzjon tiegħu, kien tort dirett tax-xogħolijiet magħmula mis-soċjeta' intimata;

Fin-nuqqas ta' dan in-ness, dan it-Tribunal ma jħossx li għandu jsib ħtija fir-rigward tas-soċjeta' intimata u għalhekk dan it-Tribunal iħoss li mill-provi mressqa r-rikorrenti ma rnexxielux jiprova dak minnu allegat;

Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, t-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jiċħad it-talba ta' John Vella, filwaqt li jilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' Burmarrad Commercials Limited, b'kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru